MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 323/2006

**M. DEMAJO & COMPANY LTD.**

**vs**

**Glenn DEBATTISTA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf imressaq fit-18 t'April, 2007, bil-proċedura sommarja speċjali, li bih is-soċjeta' rikorrenti wara li ppremettiet;

1. Illi s-soċjeta' rikorrenti hija kreditriċi ta' l-intimat fis-somma ta' ħdax-il elf mija u erba' u erbgħin Liri Maltin u tlieta u erbgħin ċenteżmu (Lm11,144.43) rappreżentanti prezz ta' muturi mibjugħin u kkonsenjati mis-soċjeta' rikorrenti lill-intimat, kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat "Dok. A".

2. Illi minkejja interpellat iħallas dan l-ammont, l-intimat baqa' inadempjenti;

3. Illi dana d-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-soċjeta' rikorrenti l-intimat m'għandux risposta x'jagħti.

Għaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett kollu illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet fuq premessi:

1. Taqta' u tiddeċiedi r-rikors a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' bid-dispensa tas-smiegħ.

2. Tikkundanna lill-intimat iħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' ħdax-il elf mija u erba' u erbgħin ċenteżmu (Lm11.144.43), dovut kif fuq ingħad.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra legali datata 7 ta' Marzu 2006 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju preżentat kontestwalment ma' din ir-rikors, u bl-imgħax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimat inġunt minn issa biex jidher għas-subizzjoni.

Rat illi r-rikors ġiet debitament notifikata lill-intimat bil-mezz tal-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni li naqas li jippreżenta risposta fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi u hekk baqa' kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta' rikorrenti;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirriżulta pruvata.

Fil-kontumaċja tal-intimat tiddeċiedi billi tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba; u billi tilqa t-tieni talba tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-

intimat u bl-imgħaxijiet legali fuq imsemmija somma li għandhom jibdew jgħaddu b'effet minn 7 ta' Marzu, 2006, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------